MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 18/2012

**ANTOINETTE GALEA**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tas-26 ta’ Lulju 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru:-*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkunsidra*

*Illi b'ittra datata 12 ta' April 2011 l-appellanti giet infurmata li ma kienetx aktar intitolata ghall-ghajnuna socjali peress li ma kienetx aktar kap tal-familja.*

*Illi gie intavolat appell b'ittra datata 2 ta' Frar 2012.*

*Illi l-appellanti u zewgha ghaddejjin minn proceduri ta' firda personali. Huwa jaghti manteniment ghaz-zewgt itfal. Ma giet prodotta l-ebda prova jew kundanna biex ihallas lilha manteniment u li ma jithallasx. Inoltre d-dar konjugali ghadha qed tigi okkupata kongjuntivament."*

*L-appell gqed jigi michud."*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, il-beneficcjarja Antoinette Galea ressqet is-segwenti aggravvji:

1. L-apprezzament hazin tal-provi billi l-Arbitru naqas milli jiehu in konsiderazzjoni prova kardinali illi hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja ghall-firda personali ta'l-appellanti minn ma' zewgha u id-decizjoni dwar il-manteniment dovut lilha ghadha ma gietx moghtija.
2. Illi l-fatt illi id-dar matrimonjali ghadha qed tigi okkupata konguntivament minnha u minn zewgha ma hijiex raguni valida sabiex hija ma tkunx intitolata sabiex tircevi l-ghajnuna socjali. Hija iddikjarat quddiem l-Arbitru illi ma allontantax ruhha mid-dar matrimonjali sabiex ma titlifx il-jeddijiet taghha fuq l-istess.

Illi fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2013, l-appellanti iddikjarat illi prezentement hija qieghda tircevi ghajnuna mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali

fl-ammont ta' €109.92 fil-gimgha. Inoltre hija tircevi is-somma ta' €350 kull erba gimghat bhal manteniment minn ghand ir-ragel taghha ghaz-zewg ulied minuri u dana in forza ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Familja datat 5 ta' Novembru 2012. Dan ifisser illi is-separazzjoni *de facto* giet tradotta f' wahda *de jure* u dan billi ghalkemm ghadha mhix definita legalment, l-appellanti bdiet proceduri gudizzjarji ghal firda personali minn zewgha. Inoltre huwa fatt mhux ikkontestat illi *pendente lite* il-koppja baghqu jirrisjedu flimkien taht l-istess saqaf.

Hi presunzjoni tal-ligi kif tinzel mid-definizzjoni ta' l-espressjoni "kap ta' familja" fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta illi fejn zewg persuni jkunu qed jghixu flimkien bhala familja, il-kap ta' din il-familja hu dak skond l-"opinjoni tad-Direttur".

**"(1) Il-presunzjoni ghal liema tirreferi l-ligi fil-predett Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 hi wahda relativa jew *juris tantum*, u mhux wahda assoluta jew *jure et de jure*. Ghall-aktar approfondiment fuq il-punt ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Emma Anderson -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 20 ta' Frar, 2008;**

**(2) Li kieku kien differentement, dik il-presunzjoni, hekk dixxendenti mis-setgha formativa u diskrezzjonali tad-Direttur, ma tkunx tista' tigi ribattuta, li mhux il-kaz, gjaladarba hi l-istess ligi li tahseb u tipprovdi ghad-dritt ta' appell mid-decizjoni lill-Arbitru. Ara "Riccarda Cini –vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 7 ta' Frar, 2007;**

**(3) Jiddixxendi, imbaghad, minn numru kospikwu ta' sentenzi illi skond l-ordinament guridiku taghna, il-valutazzjoni tal-provi hu rimess ghal liberu konvinciment ta' min hu msejjah biex jiggudika. F'dan il-kuntest ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja ta' prova fuq ohra u r-rizultanzi probatorji, ukoll dawk b'kontenut indizzjarju, huma lkoll valutabbli mill-gudikant b'mod unitarju ghall-iskop tar-raggungiment tal-konvinciment tieghu. Ara "Shirley Xuereb -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 22 ta' Novembru,**

**2006;" (Maria Victoria Zammit vs Direttur tas-Sigurta Socjali deciza App.Inf. 23/10/2009).**

Illi l-appellanti kienet applikat sabiex tircevi l-assistenza socjali, liema talba giet rifjutata mid-Direttur permezz ta' ittra datata 12 ta' April 2011 fuq il-motiv illi d-Direttur ma kienx sodisfatt li hi qed tifforma familja ghal rasha u/jew li hi l-kap tal-familja.

Din il-Qorti ma tara xejn anomalu jew barra mill-ordinarju illi koppja mizzewga in procint ta' separazzjoni legali tiftiehem illi huma jibqghu jokkupaw l-istess residenza, izda ikun hemm separazzjoni ukoll mill-aspett ekonomiku u finanzjarju. Il-koabitazzjoni ma ghandhiex tfisser il-fatt materjali ta' l-abitazzjoni komuni, ghax tista' tezisti qaghda fejn persuni jkunu qed jikkoabitaw ghax kostretti minn cirkustanzi partikulari, ad ezempju, nuqqas ta' mezzi finanzjarji li ma tippermettix li wiehed ikollu sistemazzjoni alternattiva, jew bhal fil-kaz in dizamina il-biza ta' telf ta' xi jedd legali u allura kif sottomess mill-appellanti il-protezzjoni tad-dritt taghha fuq id-dar matrimonjali u dana sakemm jigu definiti finalment il-proceduri legali u gudizzjarji tal-firda personali. Dana l-fatt huwa rassodat mill-provi dokumentali esebieti mill-appellanti li juru illi fil-fatt gew inizjati proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja u li zewgha illum jikkontribwixxi biss l-ammont ta' €350 kull erba' gimghat ghaz-zewg ulied minuri taghhom u xejn izjed. Dan ifisser illi d-decizjoni kemm tad-Direttur kif ukoll tal-Arbitru ma kenux gusti fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tant illi jidher illi illum id-Direttur irriveda id-decizjoni tieghu u l-appellanti qed tippercepixxi l-ghajnuna socjali. Il-Qorti hija konvinta illi dan l-istat ta' fatt kien jezisti sa mid-data meta saret l-applikazzjoni u kwindi l-appellanti ghandha il-jedd tircevi l-assistenza socjali sa minn dik id-data.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tilqa' t-talba ta' l-appellanti u tordna lid-Direttur appellat jivversalha l-assistenza socjali b'effett mid-data tal-applikazzjoni taghha u cioe' mit-23 ta' Marzu 2011.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------